

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 97



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

14 ta' Marzu 2019

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 97/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9267 — KKR/Telepizza) ⁽¹⁾ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 97/02 Rata tal-kambju tal-euro 2

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2019/C 97/03 Komunikazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 21(7) tal-Att imsemmi fil-punt 1 tal-Anness VII tal-Ftehim ŻEE (*id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali*) 3

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 97/04

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9253 — Mercuria/Aegean) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾

4

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.9267 — KKR/Telepizza)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 97/01)

Fit-8 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32019M9267. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-13 ta' Marzu 2019

(2019/C 97/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1303	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5087
JPY	Yen Ġappuniż	125,89	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,8728
DKK	Krona Daniża	7,4601	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6538
GBP	Lira Sterlina	0,85880	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5325
SEK	Krona Żvediża	10,5540	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 279,12
CHF	Frank Żvizzeru	1,1373	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,1987
ISK	Krona İzlandiża	133,20	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,5818
NOK	Krona Norveġiża	9,7245	HRK	Kuna Kroata	7,4175
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 091,85
CZK	Krona Ċeka	25,668	MYR	Ringgit Malażjan	4,6224
HUF	Forint Ungeriż	314,60	PHP	Peso Filippin	59,572
PLN	Zloty Pollakk	4,2993	RUB	Rouble Russu	74,0008
RON	Leu Rumien	4,7737	THB	Baht Tajlandiż	35,729
TRY	Lira Turka	6,1771	BRL	Real Brażiljan	4,3260
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6005	MXN	Peso Messikan	21,8210
			INR	Rupi Indjan	78,6620

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Komunikazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 21(7) tal-Att imsemmi fil-punt 1 tal-Anness VII tal-Ftehim ŻEE*(id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali)*

(2019/C 97/03)

L-Artikolu 21(7) tal-Att imsemmi fil-punt 1 tal-Anness VII tal-Ftehim taż-ŻEE (*id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali*), jipprevedi li l-Istati tal-EFTA jinnotifikaw lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") dwar id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi li jadottaw fir-rigward tal-ħruġ ta' provi ta' kwalifiki formali fl-oqsma koperti mill-Kapitolu III tal-Att.

L-Awtorità għandha l-kompitu li tippubblika komunikazzjoni xierqa li tindika t-titoli adottati mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein u min-Norveġja għal provi ta' kwalifiki formali u, fejn xieraq, il-korp li joħroġ il-provi ta' kwalifiki formali, iċ-ċertifikat li jiġi magħhom u t-titolu professjonali korrispondenti msemmi fl-anness V tal-Att, il-punti 5.1.1, 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 rispettivament.

Peress li n-Norveġja nnotifikat bidliet fir-rigward ta' titoli ta' korsijiet ta' taħriġ f'mediċina speċjalizzata, l-Awtorità qed tippubblika din il-komunikazzjoni skont l-Artikolu 21(7) tal-Att.

Titoli ta' korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina speċjalizzata

In-Norveġja nnotifikat il-bidliet li ġejjin fit-titoli ta' korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina speċjalizzata (il-punt 5.1.3 tal-Anness V, għad-Direttiva 2005/36/KE):

Pajjiż	Titolu Kirurġija dentali, orali, u tal-għadam tal-wiċċ (taħriġ bażiku mediku u dentali)
Norge	
Pajjiż	Titolu Kirurġija tal-għadam tal-wiċċ (taħriġ mediku bażiku)
Norge	Kirurġija tal-għadam tal-wiċċ

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9253 — Mercuria/Aegean)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 97/04)

1. Fis-7 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Mercuria Energy Group Limited ("Mercuria", Ċipru), ikkontrollat minn MDJ Oil Trading Limited,
- Aegean Marine Petroleum Network Inc. ("Aegean", ir-Repubblika tal-Gżejjer Marshall).

Mercuria jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Aegean kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Mercuria huwa grupp dinji ta' negozju tal-enerġija u l-komoditajiet, bil-kwartieri ġenerali fl-Iżvizzera u l-Emirati Għarab Magħquda;
- Aegean hija kumpanija marittima internazzjonali tal-loġistika tal-fjuwil bil-kwartieri ġenerali fil-Greċja li tikkummerċjalizza u tforni fiżikament karburanti tal-bastimenti lil bastimenti fil-port, fuq il-baħar, fuq xmajjar u passaġġi fuq l-ilma oħrajn madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9253 — Mercuria/Aegean

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT